Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier

ASSENTI:
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **71.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 71.1.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fl-4:20pm għax ma kienx hemm *quorum* sabiex tibda fl-4:00pm.<br><br>Is-Sa Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill u talbet li tkun skużata. Il-Kunsilliera preżenti qraw l-emejl mibgħuta mis-Sa Janice Chetcuti u ma sabu l-ebda oġġezzjoni. |
| **71.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 71.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 70 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 71.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduta 70 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **71.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 71.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-11 t'April 2019 kien attenda laqgħa ma' *Nature Trust Malta* rigward il-Ballut f'Marsaxlokk fejn ġie infurmat li se japplikaw għal fondi għal mezzi ta' sigurtà. |
| 71.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-10, it-12 u s-17 t'April 2019 assista lill-ħaddiema assenjati tal-Kunsill sabiex isiru *road markings* u jiġu installati tabelli fit-toroq. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera rigward *road markings* li saru fin-nuqqas tiegħu u informa lill-Kunsill li *road markings* ġodda kellhom isiru bil-kunsens ta' TM hekk kif titlob il-liġi. |
| 71.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-17 t'April 2019, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, attenda laqgħa laqgħa mad-*Data Protection Officer* li ġie inkarigat mill-Kunsill sabiex jibda joffri dan is-servizz. |
| 71.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-18 t'April 2019 kien irċieva *email* mingħand uffiċjal tal-Ministeru tat-Turiżmu rigward il-monti ta' nhar ta'Ħadd. Is-Sur Horace Gauci spjega li qed jiġi issuġġerit li r-rassejna tal-monti ta' nhar ta' Ħadd għandha ssir bejn tliet (3) jew erba' (4) darbiet fis-sena għal sitt (6) iĦdud konsekuttivi sabiex jinżamm kontroll. |
| 71.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera rigward il-ġebel li kien waqa' (u inġabar) fi Triq il-Kunċizzjoni. |
| 71.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali rigward l-assenza tal-Pulizija mal-grada tal-Iskola Primarja fil-ħinijiet tal-ħruġ tal-istudenti. Dwar dan informa wkoll lill-Kap tal-Iskola dwar servizz offrut mil-LESA. |
| 71.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li l-ittra lir-ristoranti kienet lesta hekk kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti, u staqsa għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawk preżenti qablu mal-kontenut tal-ittra, u li din kellha tintbagħat. |
| 71.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li hekk kif kien mifthiem fil-laqgħa preċedenti kien ipprepara l-ittra għar-residenti ta' Triq it-Torri (Birżebbuġa) dwar rikjesta li għamlu lill-Kunsill ta' Marsaxlokk rigward *sleeping police.* Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill li r-residenti kienu se jkunu mgħarrfa li r-rikjesta tagħhom għandha tintbagħat lill-Kunsill ta' Birżebbuġa u li l-Kunsill ta' Marsaxlokk se japplika ma' TM sabiex jinstalla *sleeping police* fin-naħa li hi konfini ma' Marsaxlokk. |

| | |
|---|---|
| 71.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti bi skema li se tinħareġ minn GAL Xlokk sabiex isir restawr ta' niċeċ fil-lokalità, fejn l-iskema kienet se tiffinanzja sa 80% tal-proġett. |
| 71.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-23 t'April 2019 kien attenda għall-*Malta Waste Reduction Awards*. |
| 71.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-24 t'April 2019 flimkiem mal-Pulizija assenjati kien għamel ir-rassejna tal-monti ta' San Girgor. |
| 71.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar il-25 t'April 2019 kien attenda laqgħa tar-Reġjun Xlokk fejn ġew diskussa l-ktieb dwar ir-Reġjun, is-Segretarju l-ġdid tar-Reġjun u l-bini tar-*Reach Out Centre* ġdid f'Ħal Tarxien. |
| 71.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-27 t'April 2019 kien attenda għal attività ma' żgħażagħ bl-awtiżmu. |
| 71.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-28 t'April 2019 kienet inżammet l-attività ta' Jum Marsaxlokk u talab l-opinjoni tal-Kunsilliera ta' kif jaħsbu li marret l-attività. |
| 71.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar id-29 t'April u l-4 ta' Mejju 2019 flimkien ma' resident qassam il-boroż tar-riċiklaġġ u l-boroż tal-iskart organiku lir-residenti mill-Kunsill Lokali. |
| 71.3.16 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar id-29 t'April 2019 kien attenda għal laqgħa mal -ERA u m'uffiċjali tal-Enemalta rigward l-*Air Monitoring Station* li qiegħda installata fuq il-binja tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill li l-Enemalta u l-ERA wrew il-ħsieb li l-apparat jitneħħa sal-aħħar tas-sena 2019. |
| 71.3.17 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-3 ta' Mejju 2019 kien attenda Konferenza Stampa dwar ir-Riforma mħabbra fil-qasam tal-Gvern Lokali. |
| 71.3.18 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-14 ta' Mejju 2019 kien attenda Konferenza Stampa f'Ta' Xbiex dwar Skema ta' Irrigazzjoni maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. |
| **71.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 71.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Apprezzament tal-Pulizija?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra t'apprezzament lill-Pulizjia konċernati għall-għajnuna tagħhom. |
| *Il-ħin huwa 4:45pm u l-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża sabiex il-Kunsilliera jiddiskutu suġġett fil-privat.*<br>*Il-ħin huwa 4:55pm u l-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.* | |
| 71.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "It-tabelli tal-'*No Camping*' ta' Delimara?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jiġu ordnati 10 tabelli li jindikaw *No Camping*, *No Barbeques* u *No Caravans,* fejn tiġi kkwotata wkoll il-*Bye-Law*. |
| 71.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-*Barrier*?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-*remotes* tal-*barrier* tal-Pjazza ma ġewx irritornati kollha, u għaldaqstant il-*barrier* għadha mhix titħaddem. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li l-*barrier* għandha tingħalaq xorta kif ukoll tinħadem proposta skont l-esiġenza tal-GDPR, sabiex tiġi installata CCTV fil-post u jiġu evitati spejjeż bla bżonn. |

| | |
|---|---|
| 71.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-imwejjed ta' fejn is-*Sunrise*?" Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li se tintbagħat ittra lill-istabbilimenti tal-madwar sabiex dawn jitneħħew għax huma bla permess. |
| 71.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-ikla tal-Kunsill?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-ikla ssir filgħaxija nhar l-24 ta' Mejju 2019 u jkunu mistiednin il-haddiema kollha tal-Kunsill. |
| 71.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Id-*dispenser* tal-ilma?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jinġabru tliet (3) *quotations* sabiex jinxtraw żewġ (2) *dispensers* tal-ilma. |
| **71.5** | **Rapporti** |
| 71.5.1 | - Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Management Letter* mibgħuta mill-Awdituri flimkien mad-*Draft Management Reply* tal-*Financial Statements* 2018. Is-Sa Emma Vella spjegat fid-dettall il-*findings* tal-Awdituri waqt l-*Audit* tal-Kunsill flimkien mar-*Reply* tal-*Management Letter.* Wara diskussjoni libera u vot unanimu, il-*Management Reply* ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari 5/2019, datata 23 t'April 2019 u mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat li nhar il-25 ta'Mejju 2019, li hija Jum l-Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali, l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għandu jinżammu magħluq u li f'dak il-jum ħadd ma jista' jidħol fl-Uffiċċju Amministrattiv.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Mejju 2019 mingħand l-Uffiċċju Elettorali, il-Kunsill Lokali ġie infurmat li d-dokumenti tal-voti tal-Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali flimkien ma' tal-Membri Parlamentari Ewropew li għadhom ma nġabrux, se jkunu qed jitqassmu mill-Kunsill Lokali mill-10 ta' Mejju 2019 sad-19 ta'Mejju 2019.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 22 t'April 2019, il-Kunsill ġie nfurmat li r-rapport ta' proposta għal rikjesta ta' art għall-binja l-ġdida tal-Kunsill Lokali kien lest mill-Perita assenjata u ġie mibgħut lilhom *b'email* għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li r-rikjesta għall-art kellha ssir wara l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondena mill-Awtorità tal-Ippjanar b'referenza PA/04211/16 li ġiet mogħtija lilu mingħand is-sid ta' kostruzzjoni fi Triq iż-Żejtun Marsaxlokk, sabiex il-Kunsill Lokali joħroġ ittra ta' awtorizzazjoni u tiġi rilaxxata l-Garanzija tal-Bank tas-sid wara li ġew kompluti x-xogħolijiet. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li n-*No Objection* għandha tingħata lis-sid.<br><br>- Is-Segretaju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li resident talab sabiex jigu friskati ir-*road markings* li diġà hemm fi Triq il-Port Ruman. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li dawn għandhom isiru.<br><br>- Is-Segretaju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li resident talab sabiex tiġi installata mera fejn il-Palazz tal-Marniżi. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-mera għandha tiġi installata sabiex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku.<br><br>- Is-Segretaju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li hemm tliet *claims* ta' tliet persuni differenti li ġew il-Kunsill sabiex jitħallsu tal-ħsara li ġarrbu fir-roti tal-vetturi tagħhom huma u jsuqu f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dawn m'għandhomx jitħallsu mill-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 29 t'April 2019 mingħand resident, il-Kunsill Lokali ġie infurmat bi żgombru ta' karrijiet li hemm fid-daħla li tagħti lejn Triq il-Port Ruman. Wara diskkussjoni libera ġie deċiż li r-resident għandu jikkomunika mal-Gvern Ċentrali f'dan ir-rigward biex jinstab post adekwat.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 24 t'April 2019 il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'rikjesta biex jintrama kjosk għal 50 anniversarju mill-bidu tat-Twistees, fejn se jiġi mqassam materjal promozzjonali u distribuzzjoni ta' prodotti tat-Twistees. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għal din id-darba partikolari biss, il-Kjosk jista' jarma f'żona fix-Xatt, fejn indikat mill-Kunsill.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 24 t'April 2019 mingħand l-*Island Sanctuary*, il-Kunsill ġie infurmat sabiex jiġu installati tabelli ta' sinjali u jekk dawn jistgħux jiġu mixtrijja mill-allokazzjoni tal-Kunsill u jekk le, kienu lesti jħallsu huma jekk jingħata permess mill-Kunsill. Rikjesta oħra kienet sabiex jiġu installati *bins* f'din l-akwata u jinġabru spiss, għar-raġuni li jsiru *picnics* jew *barbeques* u jitħalla ħafna skart. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li t-tabelli ta' sinjali rikjesti jistgħu jiġu installati imma mhux mill-allokazzjoni tal-Kunsill u minflok *bins* il-Kunsill se jinstalla tabelli fejn se jiġu kkwotati l-B*ye-Law* rispettivi.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 10 t'April 2019 mingħand student tal-Kulleġġ San Benedittu, il-Kunsill ġie infurmat li sar tindif minn dawn l-istudenti f'waħda mill-bajjiet ta' Marsaxlokk u ġie suġġerit li jiġu installati *bins* sabiex jitnaqqas l-iskart mill-bajjiet.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 23 t'April 2019 mingħand TM, il-Kunsill ġie infurmat bl-approvazzjoni tat-talba li saret mill-Kunsill li Triq Barthelemy tiġi *One-Way*, skont il-pjanti provduta fis-Seduta preċedenti. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li tiġi installata mera u *road marking STOP.*<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 23 t'April 2019 mingħand l-Awtorità tad-Djar għal rapport li kien għamel il-Kunsill, huwa ġie infurmat li wieħed miċ-ċnut li qed jaqa' maġenb il-*Housing Estate* fi Triq Dun Salv Gatt mhux taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorita tad-Djar. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jinżabru s-siġar li qed jagħmlu ħsara u ċ-ċint jitranġa mill-Kunsill.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 16 t'April 2019 mingħand *Let's Do It Malta*, il-Kunsill ġie infurmat bi *Clean-up* li ser issir nhar il-21 ta' Settembru 2019 fejn il-Kunsill ġie mitlub sabiex jipparteċipa billi jiddisponi mill-iskart wara li jitlesta t-tindif li ser isir minn volnontiera. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa billi jiddisponi mill-iskart.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari SPI/07/2019 datata 18 t'April 2019 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat b'finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill m'għandux jipparteċipa.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 6 ta' Mejju 2019 mingħand *fixed hawker* li jarma bil-*Mobile Food Kiosk* il-Magħluq f'Marsaxlokk, il-Kunsill ġie infurmat li qed issir talba sabiex isir *reserved parking* biex jiġi allokat lill-*kiosk* tiegħu sakemm jitkompla l-Proġett ta' Riġenerazzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-*fixed hawker* għandu jiġi mgħarraf li l-Kunsill qatt ma ħareġ l-ebda permess sabiex hu jarma f'Marsaxlokk u għaldaqstant it-talba tiegħu ma ġietx aċċettata. |

*Il-ħin huwa 5:48pm u l-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża sabiex fixed hawker li jarma bil-Mobile Food Kiosk il-Magħluq f'Marsaxlokk ikun jista' jkellem lill-Kunsilliera.*
*Il-ħin huwa 5:52pm u l-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.*

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri: PA/03586/19, PA/03347/19, PA/03502/19, PA/03254/19, PA/03115/19, PA/03185/19, PA/03245/19, RG/00199/19, PA/01421/19, PA/03035/19, PA/02843/19, PA/02765/19, PA/02768/19, PA/02773/19.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dawk innumerati PA/03185/19 u PA/02768/19 u li għalihom il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| **71.6** | **Mozzjonijiet** |
| 71.6.1 | <u>Mozzjoni Nru 03-2018 (VII)</u><br><br>F'dawn l-aħħar jiem ġejt avviċinat minn xi residenti dwar il-fatt li t-toroq tagħhom ma għandhomx isem uffiċċjali jew inkella l-isem tat-triq hu 'Triq Ġdida fi Triq …'. Għalhekk qed inressaq din il-mozzjoni biex it-toroq konċernati jiġu mogħtija dawn l-ismijiet:<br>• Triq Ġdida fi Triq Tas-Silġ – **Triq ir-Rizzi**<br>*Din it-triq issa se tinbena minn IM u allura tista' tiġi mogħtija isem.*<br><br>• Triq Ġdida fi Triq il-Wilġa – **Triq Joseph Grech (Storiku)**<br><br>• Triq Ġdida fi Triq l-Ixprunara – **Triq il-Lampuka**<br><br>• Triq Ġdida fi Triq Birrikka – **Triq il-Kartaġiniżi**<br><br>• Niżla ta' biswit it-Torri tal-Kavallerizza – **Triq it-Torri tal-Kavallerizza**<br><br>• Apparti minn hekk, nixtieq li l-Kumitat Tismija ta' Toroq jikkonferma Triq Tax-Xerriek (linja safra) sa fejn tasal. Familja li tabita fejn indikat (★) talbet biex din it-triq tingħata isem. Jekk jirriżulta li din il-parti tagħmel ma' Triq Tax-Xerriek, allura l-Kunsill għandu jwaħħal tabelli bl-isem tat-triq rispettivament. Jekk mhix parti minn Triq tax-Xerriek, nissuġġerixxi li t-triq tissema Triq il-Kappara.<br><br><br><br>Proponent: Horace Gauci<br>Sekondant: Stephen Caruana<br><br>Wara diskussjoni libera l-Kunsilliera preżenti iddeċiedew li l-parti li tagħmel ma' Triq Tax-Xerriek għandha tissemma **Triq il-Plejju** u mhux **Triq il-Kappara**. Il-Mozzjoni ġiet emendata, sekondata mis-Sur Stephen Caruana u approvata mill-Kunsillera kollha preżenti. |

| | |
|---|---|
| **71.7** | **Sejħiet għall-Offerti** |
| 71.7.1 | Ma kienx hemm. |
| **71.12** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 71.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 5/19) għall-approvazzjoni. |
| 71.12.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 71.12.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar t'April għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **71.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 71.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-6:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2019 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2019.

IFFIRMATA

__________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv